MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1765/2001/1

**Armando Tramontano**

**v.**

**Dragonara Casino Limited**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid illi:
"Peress illi f'Awissu 2000 l-attur gie mwaqqaf milli jidhol fid-Dragonara Casino.

"Peress illi l-attur hass li dan l-agir arbitrarju u infondat.

"Peress li l-attur qatt ma gie moghti r-raguni ghaliex ma jistax jidhol fil-Casino u l-anqas inghata l-opportunita` li jispjega ruhu qabel ma ttiehdet id-decizjoni li ma jistax jidhol fil-Casino.

"Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tordna lis-socjeta` konvenuta biex thalli lill-attur jidhol u juza l-facilitajiet tad-Dragonara Casino bhal kull membru tal-pubbliku iehor.

"Bl-ispejjes kontra s-socjeta` li giet ingunta ghas-subizzjoni."
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1 Preliminarjament in-nullita` tal-azzjoni attrici stante n-nuqqas ta' talba ghal dikjarazzjoni fis-sens illi d-decizjoni tas-socjeta` konvenuta li twaqqaf lill-attur milli jidhol fid-Dragonara Casino` hija illegali u ghalhekk nulla.

"2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-agir tas-socjeta` konvenuta li dwaru lmenta l-attur huwa konformi ma' dak li hu mitlub mil-Ligi.

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez a karigu ta' l-attur."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2002, li biha l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez kontra taghha;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2004, fis-sens illi:
"thoss li f' dan l-istadju ghandha tilqa' t-talba tal-attur u tordna lis-socjeta` konvenuta biex minn issa 'l quddiem thallieh jidhol u juza l-facilitajiet tad-Dragonara Casino` bhal kull membru tal-pubbliku iehor.

"Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa."

Illi dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Xehed l-attur u semma li ilu residenti Malta minn Novembru 1999. Qal li kien jiffrekwenta l-Casino` u meta f'Awissu 2000 mar il-Casino` u pprezenta t-tesserin, it-tfajla li kien hemm fil-bieb qaltlu li ma jistax jidhol, marret ghal xi ufficjal li qallu li peress li kien importuna tfajla li tahdem fil-Casino` ma xtaquhx jidhol. Semma li t-tfalja ta' mal-bieb kienet qaltlu li s-Sur Thornton kien ta l-ordni in segwitu tal-fatt li t-tfajla kienet ghamlet rapport li kien segwiha bil-karozza. Qal li t-tfajla ma kienx jaf x'jisimha u li sal-lum ghadu ma jafx ir-raguni ufficjali dwar l-incident. Qal li hu hass id-dinjita` tieghu offiza.

"Wara li gie suggerit l-isem ta' Karen Lombardo qal li hu gieli raha fil-Casino` u kellimha kif kellem lill-impjegati l-ohrajn kollha u li qatt ma kellimha barra l-Casino`. Semma li l-unika darba li ltaqa' maghha kien meta kienu qeghdin it-tnejn fil-karozzi rispettivi taghhom u sellmu lil xulxin fit-traffic lights ta' Portomaso. Qal li hu segwiha ghal zmien twil, ma ftakarx ghal kemm. Seta' kien ukoll fuq suggeriment tal-Qorti li possibbilment anke dam kwarta jsegwiha u mbaghad ipprova jaqbad it-triq lura. Semma li hi qatt ma kienet harget mill-karozza. Qal li hu segwa lil dik it-tfajla pero` mbaghad kien tilef l-interess.

"Xehdet Karen Lombardo crupier mad-Dragonara Casino` Ltd. u qalet li lill-attur tafu bhala klijent tad-Dragonara Casino`. Qalet li tiftakru jghidilha li ried ikellimha izda hi ma riditx tkellmu. Semma li darba meta kienet sejra lura lejn id-dar ghall-habta ta' l-4.30am, meta waqfet fit-traffic lights tal-Hilton waqaf hdejha l-attur u qalilha li xtaq ikellimha. Qalet li hi kienet sejra fid-direzzjoni tal-Fgura u hu baqa' jsegwiha. Semmiet li bdiet iddur ma' l-istess blokkijiet biex tevitah izda baqa' jsuq warajha u ghalhekk cemplet lil missierha biex jistenniha fejn il-bieb ta' barra. Meta waslet hdejn id-dar u ra lil missierha qabad irriversja u telaq 'l hemm. Qalet li wara l-incident kienet irrapurtat ix-xoghol u l-ghada kienet ghamlet rapport l-ghassa.

Qalet li fuq ix-xoghol ghandhom struzzjonijiet li jkunu friendly man-nies, pero` barra mix-xoghol ma jistghux jitkellmu mal-klijenti. Giet esebita wkoll kopja tar-rapport mal-Pulizija tad-29 ta' Awissu 2000 li jinsab esebit a fol 45 u 46 tal-process.

"Xehed Joseph Lombardo missier Karen Lombardo u qal li xi sentejn u nofs ilu, waqt li kien rieqed cemplitlu t-tifla fuq il-mobile u qaltlu li kienet qed tigi segwita u qaltlu biex jinzel fejn il-bieb ta' barra, kif ghamel. Hi qaltlu li kienet kantuniera 'l boghod mid-dar u meta dahlet bil-karozza hdejn in-naha tad-dar, kien hemm karozza bajda zghira qeghda ssegwiha u fiha kien hemm silhouette ta' ragel qed isuqha.

"Xehed l-Ispettur Martin Sammut stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan li ipprezenta kopja ohra tar-rapport li kienet ghamlet Lombardo dwar Armando Tramontano fid-29 ta' Awissu, 2000. Qal li fir-rapport jidher illi s-Sinjorina Lombardo kienet allegat illi Armando Tramontano kien segwiha sar-residenza taghha fil-Fgura pero` effettivament follow-up ta' dan ir-rapport ma rrizultax mill-imsemmi rapport. Mir-rapport ma rrizultax illi effettivament ittiehdu xi proceduri pero` seta' kien li ttiehdu proceduri u ma sarx update fir-rapport.

"Xehed Stephen Thornton Manager tal-Casino` mill-14 ta' Frar 1999 u qal li Miss Lombardo hi wahda mill-impjegati li kienet tirrispondi direttament lilu. Semma li s-security manager tieghu s-Sur Jason Holder kien assista lis-Sinjorina Lombardo biex taghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija skond kif inhi l-procedura normali taghhom. Qal li ssospendew lis-Sur Tramontano milli jidhol u jumejn wara kellmu quddiem il-Casino` u qallu bil-pozizzjoni tal-Casino`. Semma li l-problema kienet barra mill-Casino`, wara li Ms. Lombardo spiccat ix-shift taghha u ma kien hemm ebda rapporti precedentement minn Ms. Lombardo. Qal li mieghu kien ha lill-assistent tieghu li kien xoghol fil-lejl ta' l-incident u li kien ta' Nazzjonalita` Taljana bhas-Sur Tramontano ghax assuma li kellu bzonn traduttur.

"Meta l-attur spjega l-pozizzjoni tieghu x-xhud hass li ma kenitx imgieba tajba u li dak kien jaqa' barra mill-kundizzjonijiet li jaghmlu lill-impjegati taghhom u li l-ligi taghmel fuq l-impjegati tal-Casino` u peress li kien hemm ic-cans li dan jikser il-paci fil-Casino` kienu ssospendewh. Qalulu li seta' jmur f'xi Casino` iehor imma ma setax imur id-Dragonara. Qal li Miss Lombardo qatt ma ghamlet xi rapport qabel l-incident u semma li s-Sur Tramontano kien persuna regolari li jattendi fuq il-mejda taghha imma din kienet xi haga regolari.

"Qal li meta persuna ma tithalliex tidhol, tigi evalwata mill-General Manager is-Sur David Gray u sakemm ikun ghad hemm il-firma tieghu fuq il-formola biex persuna ma tithalliex tidhol, klijent ikun sospiz sakemm il-kaz jigi ri-ezaminat. Qal li s-Sur David Gray ried jiehu d-decizjoni finali fuq il-parir tal-kap tad-dipartiment u possibbilment anke tas-security manager ukoll. Ikkonferma li l-attur kien sospiz malli saru jafu bl-incident u qabel ma semghu l-verzjoni tieghu u qal li dik kienet il-policy normali li jaddottaw. Semma li s-Sur David Gray ma kellimx lis-Sur Tramontano. Qal ukoll li hu s-Sur Gray li jiddeciedi jekk jergghux ihallu klijent jidhol wara incident li ma jkunx ta' natura serja. Semma li fil-present is-Sur Tramontano huwa mizmum milli jidhol u mhux sospiz. Qal li huma lesti jirrikunsidraw il-pozizzjoni tal-kumpanija dwar il-fatt li persuna ma tithalliex tidhol.

"Xehed <u>David Gray</u> General Manager tal-Casino` u qal li hu gie involut fil-kaz fl-ahhar meta ha d-decizjoni finali jekk jeskludix jew le lill-attur mill-Casino`. Qal li rcieva rapport minghand il-Casino` Manager is-Sur Stephen Thornton u minghand is-Security Manager. Semma li nfurmawh x'kien gara u kellem lit-tfajla izda ma ltaqax ma' l-attur. Qal li wara li ha d-decizjoni s-Sur Thornton kellem lis-Sur Tramontano u spjegalu d-decizjoni. Qal li d-decizjoni li ha kienet biex jipprotegi t-tfajliet kollha li jahdmu maghhom. Semma li ma kienx se jhalli lill-attur jidhol gewwa qabel ma jkun kellem lil xi hadd mill-management tieghu u li kien gie sospiz u ma thalliex jidhol qabel ma s-Sur Thornton kellem lis-Sur Tramontano. Qal li l-Casino` kien jirrikkunsidra l-fatt li persuna ma tithalliex tidhol.

"Semma li l-procedura li jaddotta l-Casino` f’kull cirkostanza hi li hadd mill-Managers ma jista’ jkecci lil xi hadd. Kullhadd jigi sospiz sakemm ikun hemm id-decizjoni finali tieghu. Sospensjoni definittiva hija meta jkunu kellmu lill-persuna u ma jkunux ser ihalluh qatt jerga’ jidhol, ovvjament wara li jkun kellmu s-Sur Thornton. Qal li hu ha d-decizjoni finali minghajr ma kellem lill-attur.

**"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Irrizulta li l-attur kien jiffrekwenta l-Casino` b’ mod regolari u darba minnhom bil-lejl wara li ra wahda mill-crupiers (Ms. Lombardo) segwiha bil-karozza sal-Fgura u ma baqax isegwiha biss meta din waslet fejn id-dar u kien hemm missierha jistenniha fejn il-bieb ta’ barra. Hu ma ghamel xejn aktar minn dan. Hi ghamlet rapport lill-Pulizija li ma jidhirx li gie segwit b’ xi haga ohra, u li s-socjeta` intimata li hadet id-decizjoni li ma thallix lil Tramontano jidhol aktar il-Casino` u ghalhekk giet istitwita l-kawza odjerna. Jinghad li d-decizjoni kienet ittiehdet minghajr ma biss l-attur inghata l-opportunita` jipprezenta l-kaz tieghu u din id-decizjoni sussegwentement giet konfermata mill-General Manager. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur hu ghamel enfasi qawwija fuq li gie vjolat fil-konfront tieghu principju ta’ gustizzja naturali u cioe` ***audi alteram partem***.

"Is-socjeta` intimata min-naha taghha kkwotat diversi sezzjonijiet tal-ligi mill-Kap. 400, l-Att Dwar il-Loghob, u fosthom semmiet l-artikolu 26 (3) dwar id-diskrezzjoni tad-detentur tal-licenzja dwar id-dhul gewwa l-Casino`. Fin-nota tas-socjeta` intimata jinghad li l-attur importuna tfajla li tahdem il-Casino`. Irrizulta li Karen Lombardo bdiet iddur bil-karozza diversi blokkijiet ta’ bini f’ tentattiv li tehles mill-attur izda hu xorta baqa’ jsuq warajha.

"Il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tas-socjeta` intimata li tipprotegi tfajla impjegata fil-post specjalment meta l-att ta’ sewqan warajha kien oppost minnha. Tifhem anke l-preokkupazzjoni tas-socjeta` intimata anke li kieku l-

imsemmija Lombardo m' ghamlitx rapport. Tifhem anke li dawn l-impjegati m' ghandhomx ikunu b' xi mod imdejqin bil-klijenti li jiffrekwentaw il-Casino`, u ghalkemm car u tond ma tistax taqbel mad-decizjoni li l-attur gie mwaqqaf milli jidhol minghajr ma nghata l-opportunita` li jinstema', xorta wahda tifhem li l-management kellu jiehu decizjoni temporanja li ma jhallix lill-attur jidhol sakemm jinstema' l-kaz, f' liema kaz kellu jkun prezenti l-attur stess. Fin-nota tal-attur hemm referenza twila ghall-principju tal-***audi alteram partem***. Issemmew il-kawzi ta':

- Felice Pace vs Abela tas-16 ta' Ottubru 1989,

- Ellul Sullivan vs Lino Vassallo noe (Kummerc) tat-2 ta' Gunju 1983, Azzopardi vs Camilleri (Appell Kummercjali) tat-18 ta' Novembru 1987,

- Bezzina vs Bezzina (Appell) tas-26 ta' Awissu 1987,

- Zammit vs Falzon (Appell Inferjuri) tal-10 ta' Marzu 2004,
- Busy Bee Ltd. vs Joseph Said (Appell Inferjuri) tal-21 ta' Marzu 1997,

- Sammut vs Bell tad-29 ta' Mejju 1946,

- Camilleri vs Players, Coaches Complaints Board (PA) tat-23 ta' Novembru 2001.

"Issemmew ukoll diversi awtoritajiet izda fil-fehma tal-Qorti l-principju tal-***audi alteram partem*** huwa tant evidenti li ma hemmx necessita` ta' elaborazzjoni prolongata dwaru. Is-socjeta` konvenuta kellha obbligu li la l-attur ilmenta mid-decizjoni tisma' x' ghandu x' jissottometti b' mod formali.

"Madanakollu l-Qorti thoss wara li semghet lill-partijiet (u ghalhekk f' dan l-istadju ttiehed in konsiderazzjoni l-principju tal-***audi alteram partem***) li s-socjeta` intimata kienet gustifikata li tiehu decizjoni ta' sospensjoni ta' l-

attur milli jidhol li kieku l-ewwel semghetu u li tali sospensjoni kellu jkollha terminu definit fid-decizjoni, haga li fil-fatt ma saritx.  Infatti l-attur ma instemax u terminu ta’ sospensjoni ma kienx hemm impost.

"Jinghad ukoll li irrizulta car li dak li s-socjeta` intimata qed tilmenta minnu, sar kollu barra l-Casino` u mhux gol-Casino` u li ormai ghaddew numru ta’ snin.  Jigi rilevat ukoll li l-attur huwa cittadin tal-Komunita` Ewropeja u bhala tali jgawdi drittijiet li ghandhom dawn in-nies.

"Meta l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha fuq esposti, tasal ghall-konkluzjoni li terminu ta’ sospensjoni ta’ tliet snin kien gustifikat izda certament mhux oltre tali terminu, u li ghalhekk ghalkemm meta giet intavolata l-kawza strettament ma kienx ghadu ghadda dak it-terminu, illum ghadda.  L-attur bil-fors li kellu jistitwixxi l-kawza minhabba li ma kienx inghata smiegh formali dwar l-ilment tieghu.  L-ewwel eccezzjoni kienet giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta’ Novembru 2002. Fit-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata jinghad li l-agir tas-socjeta` intimata huwa konformi ma’ dak li hu miktub fil-ligi.  Anke jekk stess kien konformi tali decizjoni messha ttiehdet wara li gie segwit il-principju tal-***audi alteram partem***, u ghalhekk tichad l-eccezzjoni msemmija.

"Dwar it-talba attrici ghalkemm din ma kenitx gustifikata fil-mument li giet intavolata l-kawza, illum hi gustifikata u ghalkemm il-Qorti strettament thoss li tali citazzjoni setghet giet intavolata aktar tard min-naha l-ohra thoss li kawza tad-decizjoni tas-socjeta` intimata li ma applikatx il-principju tal-***audi alteram partem*** l-attur ma kellu ebda rimedju iehor hlief li jipprocedi billi jistitwixxi l-kawza."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha talbet ir-revoka u t-thassir tas-sentenza moghtija fl-10 ta' Novembru 2004, u biex din il-Qorti tichad it-talba attrici;  is-socjeta` konvenuta ma appellatx mis-sentenza (preliminari) tal-14 ta' Novembru, 2006;

Rat ir-risposta ta' l-attur fejn talab il-konferma tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Fil-qosor, il-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma s-segwenti:
Is-socjeta` appellanti topera d-Dragonara Casino f'San Giljan. L-appellat kien klijent regolari tal-Casino. Fil-lejl tat-28 ta' Awissu 2000, ghall-habta tal-4.30 a.m. l-appellat kien segwa lil Karen Lombardo (tfajla impjegata bhala *croupier* mill-appellanti) mid-Dragonara Casino f'San Giljan sa quddiem id-dar taghha fil-Fgura. Minkejja li Karen Lombardo ppruvat tevita lill-appellat dan baqa' jsegwiha sakemm fl-ahhar kellu jintervjeni missier Karen Lombardo biex igerrxu. L-ghada Karen Lombardo kienet ghamlet rapport fil-konfront ta' l-appellat mas-socjeta` appellanti u anke mal-pulizija. Fic-cirkostanzi s-socjeta` appellanti ssospendiet fuq bazi provvizorja lill-appellat milli jidhol fid-Dragonara Casino. Wara xi jumejn minn dan l-incident, Armando Tramontano rega' mar lura fid-Dragonaro Casino u hemmhekk iltaqa' ma' Stephen Thornton (manager tas-socjeta` appellanti) u t-tnejn iddiskutew l-incident in kwistjoni. Sussegwentement ittiehdet id-decizjoni sabiex l-appellat jigi *barred* milli jidhol fid-Dragonara Casino fuq bazi indefinita. L-appellat ma qabilx ma' din id-decizjoni u fetah din il-kawza.

L-attur appellat ilmenta li d-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu hija nulla peress li hu ma nghatax smigh mis-socjeta` appellanti qabel ma din iddecidiet li tissospendih, u dan bi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali, *'audi alteram partem'.* L-ewwel Qorti sabet favur l-attur, u wara li kkonstatat li s-socjeta` konvenuta ma applikatx il-principju ta' *'audi alteram partem'*, ordnat lill-istess socjeta` sabiex thalli lill-attur jidhol u juza' l-facilitajiet tad-Dragonara Casino`.

Is-socjeta` konvenuta appellat minn dik is-sentenza bl-aggravji taghha jkunu tlieta:

(i) li l-principju *'audi alteram partem'* mhux applikabbli f'kaz ta' kumpanija privata;

(ii) li, f'kull kaz, l-attur inghata opportunita` jressaq il-kaz tieghu; u

(iii) li, wkoll f'kull kaz, il-Qorti ma kellhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-*management*.

Din il-Qorti ma taqbilx, ma' l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti trattandosi hawn ta' entita` li l-poteri taghha in materja ta' min jidhol jew ma jidholx fil-casino` huma regolati bil-ligi. Il-principju *'audi alteram partem'* huwa principju fondamentali mixhut fuq kull min gie mghoni b'poter li jiddeciedi. L-awtur **S.A. de Smith** fil-ktieb *"Constitutional and Administrative Law" (Penguin Books, 3rd. Edition)* jghid a pagna 564, li dan il-principju,
*"[is] the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case."*

Fil-kawza famuza Ingliza **Ridge v. Baldwin**, deciza mill-*House of Lords* fl-1964, intqal li d-dritt ghal smigh xieraq "*is a rule of universal application*", u Lord Loreburn, fil-kawza **Board of Education v. Rice**, deciza wkoll mill-*House of Lords* fl-1911, kien qal li d-dover li jaghti smigh xieraq hu impost "*upon every one who decides anything*".

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza importanti **Sammut v. Bell McCance**, deciza fid-29 ta' Mejju, 1946 (Kollez. Vol. XXXII.II.350), osservat hekk fuq din ir-regola:
"Ir-regola *'audi alteram partem'* ghandha tigi skrupolozament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu prezenti fl-investigazzjoni li jaghmel id-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. Il-vjolazzjoni tar-regola *'audi alteram partem'* taghti lok ghas-sindikat tal-Qorti ordinarja, li jistghu, anzi ghandhom jirritjenu null dak li jkun sar in

konsegwenza tal-vjolazzjoni. Din ir-regola '*audi alteram partem*' hija regola ta' gustizzja naturali u bhala tali hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk ma hix rinunzjabbli '*per impliciter*' billi jinghad illi kien hemm akkwijixxjenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola."

Tant hu importanti dan il-principju, li r-regola li n-nullita` ta' sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta, hi meqjusa li ma tapplikax f'kaz ta' vjolazzjoni ta' dan il-principju. Lord Wright fil-kawza Ingliza, **General Medical Council v. Spackman**, deciza mill-*House of Lords* fl-1943, osserva:
*"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."*

L-awturi **Wade & Forsyth** fil-ktieb "Administrative Law" (7th Edit. pagna 494) josservaw:
*"The courts took their stand several centuries ago on the broad principle that bodies entrusted with legal power could not validly exercise it without first hearing the person who is going to suffer. This principle was applied very widely to administrative as well as to judicial acts, and to the acts of individual ministers and officials as well as to the acts of collective bodies such as justices and committees. Even where an order or determination is unchallengeable as regards its substance, the court can at least control the preliminary procedure so as to require fair consideration of both sides of the case. Thus the law makes its contribution to good administration."*

F'dan il-kaz is-socjeta` appellanti stess taghmel riferenza ghall-poter moghti lilha bl-Att Dwar il-Loghob (Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta) biex tikkontrolla min jidhol fil-Casino` u l-komportament tal-klijenti li jaghmlu uzu mill-facilitajiet tal-Casino`, u kwindi dak il-poter ma setghetx tezercitah "*without first hearing the person who is going to suffer*".

Hu interessanti li l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Camilleri v. Players' Coaches Complaints Board tal-**

**Malta Football Association et**, deciza fit-23 ta' Novembru 2001, kienet ikkunsidrat li l-Bord konvenut, ghalkemm mhux bord governattiv, kellu jsegwi l-principju *'audi alteram partem'* qabel ma jiddeciedi fuq materja li tolqot l-interessi ta' parti interessata.

It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, jolqot l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tac-cirkostanzi ta' fatt li jirreferu ghal dan il-kaz. Issa kif gie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati, l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad m'ghandux normalment jigi disturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri, u dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kreata ingustizzja jekk it-tieni Qorti ma tintervjenix (ara **Agius v. Agius**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Dicembru, 1994).

Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti, u tara li ghandha taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li, fil-fatt, l-attur gie mwaqqaf milli jidhol minghajr ma nghata l-opportunita` li jinstema'. Fil-fatt, jirrizulta li wara l-ilment ta' Karen Lombardo, il-bord tal-*managment* ha decizjoni immedjata li jissospendi lill-attur b'mod temporanju. Minhabba n-natura ta' l-allegazzjoni, din id-decizjoni tista' titqies bhala wahda korretta, izda l-bord sussegwentement ha decizjoni li jissospendi b'mod indefinit lill-attur, u dan wara diskursata li l-*manager* tal-Casino`, is-Sur Stephen Thornton, kellu ma' l-attur barra l-Casino`. Dan mhux mod kif min hu interessa*t* jinghata smigh xieraq! Fil-fatt, David Gray, il-*General Manager* tal-Casino`, qal li hu ppartecipa fid-decizjoni li jissospendi b'mod indefinit lill-attur wara li tkellem mat-tfajla, izda ammetta li hu qatt ma tkellem ma' l-attur. Hu veru li s-socjeta` appellanti ghandha s-setgha tinibixxi persuni milli jidhlu fil-casino` f'kaz li dawn jagixxu b'mod li jeffettwa l-funzjonament ordinat ta' l-operat tal-casino` jew jekk jiksru r-regoli ta' l-imgieba li jkun hemm fis-sehh gewwa l-casino` (fost ragunijiet ohra), pero`, qabel ma juzaw dawn il-poteri, iridu dejjem jaghtu l-opportunita` lill-persuna "akkuzata" tiddefendi l-posizzjoni taghha. Is-socjeta` appellanti argumentat, f'kull kaz, li l-

attur kellu kull opportunita` jiddefendi ruhu "waqt il-gbir tal-provi in prim'istanza", izda tali opportunita` kellha tinghata lill-attur qabel ma ttiehdet id-decizjoni li hu jkun sospiz b'mod indefinit milli jidhol fil-casino`.

Dan l-aggravju, ghalhekk, hu wkoll mhux misthoqq.

It-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti, pero`, hu misthoqq, u dan peress li meta jkun hemm entita` li ghandha s-setgha tiehu decizjoni, dik id-decizjoni trid tittiehed minn dik l-entita` u mhux mill-Qorti. Il-Qorti m'ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-*management* tas-socjeta` appellanti. Il-limiti tas-sinidikabilita` ta' l-ezercizzju tad-diskrezzjoni gew indikati minn din il-Qorti fil-kawza **Eden Leisure Group v. Borg D'Anastasi**, deciza fis-27 ta' Gunju 2003, fejn intqal illi:
"Illum hu car li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta' kwalsiasi Tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-principji ta' gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni, biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitiwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik il-Bord."

Hekk ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Power Projects Ltd v. Agius**, deciza fis-16 ta' Gunju 2003, osservat li, fil-kuntest ta' decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, dawk id-decizjonijiet huma sindikabbli jekk it-Tribunal jagixxi *ultra vires* is-setghat lilu moghti. It-Tribunal ghandu jassikura wkoll li ssir gustizzja skond il-*meriti* tas-sustanza tal-kaz, u dan bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali. Intqal ukoll, li l-Qorti m'ghandhomx gurisdizzjoni biex jirriezaminaw jew jirrevedu l-*meritu* tal-kontroversja li tkun giet deciza mit-Tribunal (ara wkoll **Falzon v. Grima**, deciza fis-17 ta' Mejju, 1993).

Kwindi, id-decizjoni jekk l-attur ghandux jigi sospiz milli jaghmel uzu mill-facilitajiet ta' casino` li toffri s-socjeta` appellanti, u f'kaz ta' decizjoni affermattiva, ghal kemm zmien, trid tittiehed minn min hu awtorizzat li jehodha. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza **Chairman tal-Kumpanija Public Broadcasting Services Ltd v.**

**Awtorita` tax-Xandir et**, deciza fil-15 ta' Jannar 2003, entita` *"li hija mghonija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercitaha f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari".*

Peress li, f'dan il-kaz, is-socjeta` appellanti ezercitat id-diskrezzjoni moghti lilha bi ksur tal-principju '*audi alteram partem*', ghandha titqies li ma ezercitatx id-diskrezzjoni, u d-decizjoni li hadet biex tissospendi lill-attur b'mod indefinit qed tithassar u titqiess nulla, u l-attur qed jigi mqieghed fil-posizzjoni li kien meta gie sospiz fuq bazi provvizorja milli jidhol fid-Dragonara Casino`. Is-socjeta` konvenuta ghandha tezamina mill-gdid tuzax id-diskrezzjoni moghti lilha fl-Artikolu 26 ta' l-Att dwar il-Loghob, wara li taghti opportunita` xierqa lill-attur jispjega u jiddefendi ruhu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta billi tilqghu biss in parte u wara li tiddikjara li, fil-konfront ta' l-attur, l-istess socjeta` appellanti agixxiet bi ksur tal-principju *'audi alteram partem'*, tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn din ordnat lis-socjeta` konvenuta biex minn issa 'l quddiem thalli lill-attur jidhol u juza' l-facilitajiet tad-Dragonara Casino` bhal kull membru tal-pubbliku iehor, u minflok tordna li s-sospensjoni fuq "bazi provvizorja" fil-konfront ta' l-attur ghandha tibqa' jkollha effett biss sa zmien tlett xhur mil-lum, u gheluq dan it-terminu, dik is-sospensjoni ghandha titqies li waqghet; is-socjeta` konvenuta appellanti jkollha s-setgha biex, fil-frattemp, tiehu decizjoni finali fil-konfront ta' l-attur fit-termini tal-ligi u tal-principji ta' gustizzja naturali.

L-ispejjez tal-Qorti ta' prim istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relattivi ghal proceduri quddiem din il-Qorti jithallsu kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta` konvenuta appellanti, u terz mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------